

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq motiv wieħed, identiku għal dak invokat fil-Kawża T-400/23, Erste Group Bank vs SRB.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2023 – Sparkasse Oberösterreich Bank vs SRB

(Kawża T-408/23)

(2023/C 314/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Sparkasse Oberösterreich Bank AG (Linz, l-Awstrija) (rappreżentanti: G. Eisenberger, A. Brenneis u J. Holzmann, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tat-2 ta' Mejju 2023 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-2023 (SRB/ES/2023/23), inklużi l-annessi, għall-inqas sa fejn tikkonċerna ir-rikorrenti, u
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti titlob li l-kawża simili li ġejjin jiġu magħquda flimkien għall-finijiet tal-proċedura orali u bil-miktub u tad-deċiżjoni, skont l-Artikolu 68 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, minħabba r-rabta tagħhom u l-istess suġġett: T-400/23, Erste Group Bank vs SRB, T-401/23, Erste Bank der österreichischen Sparkassen vs SRB, T-402/23, Steiermärkische Bank und Sparkasse vs SRB, T-403/23, Dornbirner Sparkasse Bank vs SRB, T-404/23, Kärntner Sparkasse vs SRB, T-405/23, Sparkasse Niederösterreich Mitte West vs SRB, T-406/23, Tiroler Sparkasse vs SRB, T-407/23, Salzburger Sparkasse Bank vs SRB, T-408/23, Sparkasse Oberösterreich Bank vs SRB.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq seba' motivi, identiċi għal dawk invokati fil-Kawża T-402/23, Steiermärkische Bank und Sparkasse vs SRB.

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2023 – Essity Hygiene and Health AB vs EUIPO
(Rappreżentazzjoni ta' werqa)**

(Kawża T-434/23)

(2023/C 314/31)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Partijiet

Rikorrent: Essity Hygiene and Health AB (Gothenburg, l-Isvezja) (rappreżentant: U. Wennermark, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (Rappreżentazzjoni ta' werqa) – Applikazzjoni Nru 16 709 305

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Mejju 2023 fil-Każ R 2196/2017-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn l-appell huwa miċħud (il-punt 2 tad-dispożittiv tad-deċiżjoni;
- temenda d-deċiżjoni kkontestata billi tilqa' l-appell kontra d-deċiżjoni tal-eżaminatur għall-oġġetti fil-Klassi 16 koperti mir-rikors;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tar-rikorrenti quddiem l-EUIPO u quddiem il-Qorti Ġenerali.

Sussidjarjament, ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż rispettivi tiegħu u, barra minn hekk, għall-ispejjeż tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

Iktar sussidjarjament, ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
 - Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-